Minuti tal-Laqgħa Nru. 38 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta 7 t' Awwissu 2018 fl-4.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sur Kearon Bruno<br>Is-Sra. Denise Cutajar |
| Skużati | Is-Sur. Eric Camilleri<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Ġemellaġ ma' Sqallija
5. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjoni tal-minuti.

1.2 Il-minuti kienu ipproponuti mill-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondati mill-Viċi Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajna fuq punt 2.2. Is-Sindku qal li huwa kellu laqgħa mal-uffiċċjali tat-Transport Malta u dawn meta reġa fakkarhom fuq il-laqgħa li kienet saret qalulu li huwa jista jsib kuntrattur lest biex jagħmel ix-xogħol.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku saqsa kif konna bqajna fuq il-vann biex il-Kunsill ikollu wieħed ġdid. Il-Kunsillier Caruana qal li huwa kien ra wieħed bit-tail lift imma dan ma kienx tajjeb għax kien kbir ħafna. Huwa qal li kien ra ieħor li kellu double cab pero ma kellux tail lift li b' hekk joħloq problema oħra.

3.2 Is-Sindku qal li bħala vann irid ikun daqsxejn imdaqqas anki jekk il-quddiem nikkunsidraw li dan jintuża biex jittrasporta l-anzjani.

3.3 Is-Segretarju semma li darba konna irċevejna email minn naħa tad-Dipartiment jekk aħniex interessanti li jkollna karozza elettrika. Huwa qal li kien reġa bagħat fuq din l-email biex jara x' kien ġara. Il-Kunsillier Caruana qal li karozza elettrika mhijiex ideali għall eżigenzi tal-Kunsill.

3.4 Il-Kunsilliera Massa qalet li kien hemm bozza quddiem il-pompa tal-petrol ta' Valletta Road ma tixgħelx. Hija qalet ukoll li kien hemm numru ta' bozoz f' Qormi Road ma jixgħelux.

3.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq it-tabelli ta' maġenb l-Iskola għalfejn dawn ma sarux minn wara. Is-Sindku qal li rridu inġibu wkoll xi U Bars u anki bank.

3.6 Is-Segretarju semma kif kien baqa fuq l-attivita tal-breast cancer fejn huwa kien ikkuntattjahom fuq il-proposta li ssir bike ride.

3.7 Is-Segretarju semma li kien avviċinah tar-Refab fuq il-proposta li huma se jkunu qegħdin jiġbru il-ħwejjeġ riċiklabbli minn wara d-djar mingħajr ħlas.

3.8 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq l-embellishment tal-lattrina. Is-Sindku qal li huwa kellu laqgħa mal-Perit u saqsieh x' l-aħjar isir. Il-Perit qal li din tista ssir kamra waħda u jużawha irġiel u nisa. Huwa qallu ukoll li din tista titwaqqa pero kif inhi preżentament isir żvillup fuq dak li hemm diġa.

3.9 Il-Viċi Sindku saqsiet fuq il-bankina ta' fejn il-Convenience Shop għax din tiżloq ħafna biex naraw x' jista jsir.

3.10 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk nistgħux nagħmlu display bil-mappa ta' Ħal Luqa fiċ-ċentru biex in-nies isibu it-toroq etc. Is-Sindku qal li l-quddiem se jkun hemm digital display u din tista ssir fuqu.

## 4.0 ĠEMELLAĠ MA SQALLIJA

4.1 Is-Segretarju ta rendikont fuq tat-twinning kif il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa kien irċieva invit minn naħa ta' Gallodoro fi Sqallija fejn kienet saret l-applikazzjoni u anki intlaqat minn naħa tal-Ewropa. Huwa semma kif kien se jkun imqassam il-programm u anki t-tema marbuta miegħu. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan it-twinning li għandna nipparteċipaw fih.

4.2 Is-Sindku bħala delegazzjoni għażel lill-Kunsillier Victor Caruana, jkun mistoqsi Eric Camilleri, Lucia Massa u anki lis-Segretarju bħala membri.

## 5.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsillier Caruana semma li l-kont li ġie rigward l-ispejjeż li kellu l-vann kellu suppost jkun itemised anki minħabba l-awdituri.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tlieta 7 t' Awwissu 2018 fil-4.45 p.m. Kien hemm il-ġurnata tal-14 ta' Settembru 2018 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2018.

______________________ ______________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv